# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 18 ta' Jannar 2017**

**Rikors Numru: 24/2013 CSH**

**Datanet Security Systems Company Ltd (C30521)**

**vs**

**Garden of Eden Garage Ltd (C17528)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-29 ta' Jannar 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' ghaxart elef, sitt mija u sebgha u sebghin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€10,677.27) bilanc minn somma akbar rapprezentanti bejgh u installazjoni ta' *tracking devices* fuq il-vetturi bin-numri tar-registrazzjoni ACY-863, ACY-930, CCY-929, COY-013, COY-014, COY-015, FVY-001, GMY-050, GSI-001, HMY-151, HMY-173, IMY-360, GBL-661, LCY-921, LCY-948, LBY-021 u LBY-023 proprjeta' tas-socjeta' intimata kif ukoll *subscription and airtime fees* u dan skond l-invoices annessi u mmarkati Dok A – Dok G.

Bl-ispejjez komprizi l-ittra ufficjali 166A tat-2 ta' Dicembru 2011, u bl-imghax legali mid-data ta' kull invoice sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta li gietipprezentata fl-20 ta' Marzu 2013 fejn eccepiet:

*"Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-installazzjoni u servizz ghal liema qed jintalab il-hlas ma kienux tal-kwalita' patwita tant illi kienu bla uzu ghas-socjeta' intimata.*

*Illi ghalkemm is-socjeta' attrici giet debitament interpellata sabiex tersaq u tirranga l-istess sistemi permezz ta' att gudizjarju hija baqghet inadempjenti ghal liema raguni wkoll l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta' rikorrenti.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjes."*

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju, 2013 fejn il-Qorti kienet giet infurmata li f'din il-kawza trid tigi ezaminata '*data*' migbura u storjata f'kompjuter. Ghalhekk il-Qorti nnominat lil Dr Steven Farrugia Sacco bhala Perit Tekniku ghal dan il-ghan.

Fil-15 ta' Gunju, 2016 deher l-espert tekniku **Dr. Steven Farrugia Sacco** li halef ir-relazzjoni tieghu. Iddikjara li huwa ezamina *data* storjat fil-komputer u x-xhieda migbura in konnessjoni mat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet sottomessi. Ir-relazzjoni tieghu giet immarkata bhala Dokument SFS. Dr. Farrugia sacco kkonferma l-kontenut tar-relazzjoni u ddikjara li thallas ghas-saldu tal-pretensjoni tieghu.

Rat ix-xhieda mressqa quddiem l-espert tekniku.

Illi fl-4 ta' Novembru, 2013 xehed **Martin Zerafa**, direttur tal-kumpanija attrici li tipprovdi "Security" inkluz *tracking devices*. Qal li fl-2008 kienu ghamlu xoghol ghal kumpanija Garden of Eden Limited. Din il-kumpanija kellha xi coaches mikxufa u kien necessarju li mal-licenzja ikun hemm installat *tracking devices*. Huma nstallaw dawn id-devices, li kienu gew approvati minn Transport Malta. Spjega li biex il-kumpanija intimata jkollha vettura licenzjata f'dan il-qasam, bilfors irid ikollha "*Fleet Monitoring System*" approvata minn Transport Malta.

Qal li t-tracking devices ma gewx installati kollha f'daqqa, izda l-ewwel sar kuntratt ghal parti minnhom u meta rapprezentanti tal-kumpanija konvenuta rat is-sistema tahdem, riedu li l-installazzjoni ssir fuq izjed vetturi, sakemm fl-ahhar saret fuq il-vetturi kollha msemmija fl-Avviz.

Spjega li s-sistema tibda tahdem billi mal-ewwel darba li thaddimha, din *'tilloggja'* kull moviment tal-vettura, dan imbaghad jigi lloggjat fis-server taghhom fil-Mosta. L-IT Department taghhom *ghandu access ghal dan is-server, u l-klijent jaccessah* 'over internet protocol connection' permezz ta' *login* u *password*.

Ix-xhud zied li wara l-ewwel installazzjoni kien hareg kont u l-kumpanija intimata hallset parti minnu. Nel frattemp kien kuntattjat minn Roland Spiteri, il-persuna li tiehu hsieb il-vetturi tal-kumpanija intimata w qallu li ried izid it-*tracking devices* fuq il-vetturi l-ohra. Spiteri kien infurmah li ma kienx qed jara l-vettura fejn suppost qeghda, u hu qallu li mit-*tracking devices* installati kien jidher li zewg xufiera kienu qed ibaghbsu t-*tracking device*. Sostna li kull meta ntalbu xi assistenza, huma dejjem provdew servizz mill-ewwel, jekk mhux dakinhar, l'ghada.

Qal li l-complaints li kellhom kienu dejjem fuq l-istess zewg vetturi, cioe' li l-vettura ma kinitx fizikament tidher fejn kienet tkun fuq is-sitema u zied jispjega li r-raguni gal dan primarjament dejjem kienet tkun '*tampering*' fid-devices u dan jirrizulta b'mod tekniku mill-Customer Service Reports li obbliga ruhu li jipprezenta.

F'Novembru 2010 imbaghad ircevew ittra ufficjali (Dok. MZ1) minghand il-kumpanija intimata fejn qalulhom li s-sistema ma kienitx qed tahdem sew, u konsegwentement huma marru fl-ufficcju taghhom u sabu li effettivament is-sistema kienet tahdem tajjeb. Qal li kien hemm okkazzjonijiet meta kienu jaghmlu maintenance fuq is-server u drabi ohrajn *updates* li primarjament kienu jinkludu Bug Fixes, Security u Aesthetics. Kull darba li kien isir dan, huma kienu jibaghtu email lill-kumpanija intimata.

Kompla jghid li darba minnhom kien sar Mass meeting fil-Mosta, Independence Avenue, proprju quddiem l-ufficcju tieghu u dakinhar kien hemm *sur charge* qawwi u kellhom diversi servers inkluz dak li fuqu kien hemm is-sistema tal-kumpanija intimata, li gew danneggjati. Fis-*server* ghall-uzu tal-kumpanija intimata gew danneggjati z-zewg *hard drives* li kien hemm fl-imsemmi *server.* Dawn kienu '*mirrored drives'* u kopja '**remote**' ma kellhomx. Minhabba din il-hsara kellhom iwaqqfu s-servizz ghal madwar gimgha. Insista pero' li minbarra din il-problema s-sistema dejjem hadmet tajjeb sa dakinhar li l-kumpanija attrici waqfet is-sistema. Qal li huwa jifhem li waqfet is-sistema billi ma kienx hemm aktar informazzjoni mit-*tracking device* lejn is-servers taghhom. Spjega li t-*tracking device* kien by GPS signal li jikkomunika direttament mas-server taghhom u fihom kellhom SIM Card li tramite taghha kien jibghat dirett lis-*servers*.

Ix-xhud qal li t-*tracking devices* ma kellhomx '*independent power supply'* hlief ghal batterija zghira li hija ntiza bhala '*back up*'u biex tistorja (archive) l-informazzjoni li kien ikun hemm meta possibilment ma jkunx hemm '*alternative current'*, u/jew GPS signal.

Huwa pprezenta Dok. MZ2 li hija kopja tal-ahhar informazzjoni li baghat id-*device* lis-servers. L-ahhar informazzjoni ntbaghtet fit-13 ta' April, 2011, meta l-ittra ufficjali lill-kumpanija attrici ntbaghtet fid-19 ta' Novembru 2010. Qal li l-informazzjoni kollha qeghda fis-*server* u ma tistax tkun imbaghbsa, mibdula jew alterata.

Inoltre qal li l-kumpanija intimata ghamlet pagament wiehed biss u l-bilanc dovut hu dak imsemmi fl-Avviz. Meta kien icempel lil Alfred Spiteri, sid il-kumpanija intimata, dak dejjem kien jghidlu li se jibghat pagament. Ix-xhud qal li fil-fehma tieghu Spiteri qatt ma kellu problema mis-sistema u fil-fatt baqa' juza t-*tracking devices* sakemm biegh il-vetturi lill-kumpanija 'Captain Morgan'.

L-espert tekniku staqsa lix-xhud jekk it-Transport Malta ghandhiex access dirett ghall-informazzjoni fuq is-server u qal li mill-kumpanija tagghom zgur li m'ghandhomx ghax Transport Malta jaghmlu *random checks*. Fil-fatt qal li Alfred Spiteri darba minnhom kien talbu jiltaqa' mieghu Transport Malta minhabba li kien hemm *random check*, u ma kien hemm l-ebda diffikulta' minn Transport Malta. Fuq domanda tal-espert tekniku, x-xhud qal li mhux possibbli li t-*tracking device* jigi programmat minn haddiehor u jintuza fuq sistema ohra, u dan in vista tal-Protocol tat-*tracking devices* u huma biss ghandhom access ghalih. Ikonsegwi ghalhekk li bhalissa dawn it-*tracking devices* mhux qed jintuzaw. Il-kawza kellha ssir biex jithallsu tas-servizz li taw.

Meta rega' xehed fit-13 ta' Jannar, 2014 Martin Zerafa qal li hu ma kienx iwahhal id-devices, pero' jaf x'inhi l-procedura u qal li d-devices ma jkunux

issigillati ghalkemm ovvjament il-kaxxa (*tat-tracking device*) *per se* tkun maghluqa.

Spjega li huma jaslu ghall-konkluzjoni li jkun qed isir tbaghbis meta l-klijent jilmenta li mhux qed isir *up date* u allura huma jaghmlu l-verifiki taghhom. F'dan il-kaz kien irrizulta li sar tbaghbis fuq zewg vetturi partikolari, liema pjanca ta' registrazzjoni ma jiftakarhomx u ma jafx jekk kienux coaches jew mini buses. Spjega li t-tbaghbis mhux bilfors ikun fuq it-*tracking device* per se, jista' jkun fuq il-wires li jikkomunikaw mad-device.

Qal li m'ghandux dokumenti tal-Enemalta rigwardanti s-surcharge waqt il-meeting politiku, izda ghandu email u korrispondenza ma' barra li juru li fil-fatt kien hemm dan is-surcharge. Zied li l-kumpanija konvenuta wkoll taf b'dan ghaliex b'rizultat tas-surcharge kienu ghamlu *upgrade* fis-sistema. Backup f'kazijiet bhal dik ta' *surcharge*, fejn irrizulta hsara, huma ma jkollhomx u minhabba dakinhar ma setghux jipprovdu servizz.

Qal ukoll li gieli tkellem ma' Alfred Spiteri wicc imb'wicc, pero' mbaghad minhabba l-kliem dispreggattiv li dan kien juza bdew jikkomunikaw b'email. Temm billi qal li ma jidhirlux li kien hemm xi ftehim li minhabba l-problemi li kien hemm kien sejjer jirrevedi l-invoices.

Quddiem l-espert tekniku xehed ukoll **Matthew Mizzi**, Operations Technician mas-socjeta' attrici. Fit-2 ta' Dicembru, 2013 dan iddikjara li hu gieli hadem fuq il-vetturi tal-Garden of Eden fejn fuq xi vetturi huwa ghamel l-installazzjoni, u fuq ohrajn ghamel *maintenance* tat-*tracking device*. Uhud mill-installazzjonijiet l-ohra saru minn Ivan Sciberras.

Qal li din is-sistema [tracking system] taħdem billli jistallaw kaxxa fil-vettura, liema kaxxa jkun fiha SIM Card, u din tahdem b'GPS, u d-*data* tagħha tiġi

miġbura, *real time*, u mibghuta lis-servers tagħhom, fejn difatti l-klijent ikun jista` jara t-*tracking* minn fuq il-*web site* tagħhom. Zied jispjega li sabiex ikun hemm aċċess għal din il-*web site*, m'hemmx bżonn ta' xi komunikazzjoni speċjali, għajr aċċess għal internet normali. Huma jipprovdu username u password biex il-klijent jaċċessa s-sistema.

Spjega li meta kien ikollhom rapport ta' xi problema bis-sistema, kienu jcemplu lil Freddie jew lil ibnu Ronald tal-Garden of Eden, jew kienu jibgħatulu email. Meta kien jigri hekk kien jinżel minnufih fuq il-post biex jara x'inhi l-problema. Qal li primarjament il-problemi li kien isib kienu tnejn, cioe' jew problema fil-vettura, partikolarment fil-wires fejn kien ikun hemm '*voltage drop'*, jew *setting* min-naħa tagħhom. Pero' qal li ukoll li spiss kien icempillu li kien hemm problema fis-sistema izda meta jinżel l-ufficju tiegħu kien jinduna li lanqas kellu internet fl-uffiċju. Għalhekk bla internet kien impossibli jgħid jekk is-sistema taħdimx jew le.

Ix-xhud qal li ma jistax jghid ezatt x'kienet il-problema tal-*voltage drop*, iżda żgur li tkun ġejja mill-vettura tiegħu. Huwa jistabbilixxi li hija problema tal-vultaġġ minn apparat 'multimeter' u qal li jekk jirrizulta li jkun hemm ferm inqas minn 12v, l-apparat zgur mhux sejjer jaħdem sewwa. Biex isolvi din il-problema kien iqabbad wires dirett mal-batterija, u b'hekk ikollu *supply* dirett tal-kurrent. Spjega li din il-problema ma kinitx fuq il-vetturi kollha, u fuq dawk li kien hemm din il-problema, la darba kienu jsolvuha bil-metodu li semma, ma kienx ikollu l-istes problemi.

Kompla jispjega li meta kienu jistallaw l-apparat, kienu jgibu il-'power' ghad-device minn 'main' adekwat. Kien jiehu wkoll l-'ignition'. L-istallazzjoni kienet tinkludi l-parti ta' l-istallazzjoni fuq il-vettura, anke billi jdahlu l-informazzjoni fuq is-sistema tagħhom, u jagħmlu l-verifiki neċessarji.

Hu qal li kultant biex isolvi problema, fosthom il-*voltage drop*, ġieli dam siegħa u ġieli għamel anke tlett siegħat. Dwar problemi min-naha tagħhom, ossia *settings*, qal li ma tantx kien idum biex isolvihom, għax iżarmaw fejn ikun hemm l-apparat [ghax dan ikun mohbi] u mbagħad iqabbdu mal-laptop u jekk jara li m'għandux '*connection*', jew ibiddel is-SIM card, jew jerġa jinstalla s-*software* mil-ġdid. Problema bhal din ma kinitx tkun ta' spiss, iżda ma jiftakarx kemm il-darba nqalghet.

Ix-xhud zied jispjega li huma ġieli jagħmlu *maintenance* fuq is-servers taghhom. Meta kien isehh dan, huma kienu jinfurmaw lill-klijenti taghhom, u dan ghaliex waqt il-*maintenance* is-servizz ma jahdimx kif ghandu jahdem. Il-*maintenance* gieli kien idum bejn sagħtejn u tlett siegħat. Kienu jinfuraw lil klijenti kemm permezz ta' telefonati kif ukoll permezz ta' email u kienu javzawhom bil-hinijiet li s-sistema ha tkun '*under maintenance'* u dan is-soltu bi pre-avviz ta' gurnata.

Mistoqsi jekk hux dejjem solvew il-problemi li gew rappurtati lilhom, wiegeb fil-posittiv. Anzi zied li jekk kien ikollu diffikulta', kellu support service minn barra ma' min jikkonsulta.

**Matthew Mizzi** rega' xehed fit-23 ta' Jannar, 2014 u kkonferma dak li qal qabel li ġieli fl-ufficcju tal-kumpanija intimata ma kienx ikun hemm internet sabiex ikun hemm access ghas-sistema. Cahad pero' li gieli rriskontra problema fir-rigward ta' l-IP address fis-sistema tal-kumpanija intimata u spjega li l-IP address jew ikun tajjeb dejjem, jew qatt u mingħajr li tali indirizz ikun tajjeb, is-sistema ma tistax taħdem.

Rigward il-problema tal-*voltage drop*, mistoqsi għaliex ma kienx iqabbad is-sistema direttament mill-ewwel mal-batterija, qal li jekk kien isib diffikultà mal-vultagg kien jaghmel hekk, iżda jekk ma kienx isib diffikultà kien iqabbad kif suppost, ossia skond is-sengħa u l-arti. Qal li huwa kwalifikat f'dan il-qasam.

Mistoqsi fejn kien jitwahhal it-*tracking device* fil-vettura, qal li dan kien jiddependi skond il-vettura, iżda hu dejjem ifittex l-eqreb fejn l-*ignition barrel.*

Mistoqsi jekk kienx hemm xi sistema sabiex dawn ma jiġux imbghabsa, qal li f'dan il-każ għandhom tap, li jkun irqiq ħafna, u jekk jitbaghabas it-*tracking device*, dan bilfors jitqatta', u għalhekk jinduna li ġie mbaghbas. Stqarr li darba biss sab tap imqatta, ghalkemm kien hemm każ fejn darba sab l-antenna tat-*tracking device* maqtugh, pero' fl-istess hin ikkonferma li x-xufiera ma kellhomx access ghat-*tracking device,* anzi sabiex ikollu access ghal tali *tracking device,* wiehed irid iżarma partijiet tal-vettura.

Mistoqsi mill-Perit Tekniku dwar l-IP address, spjega li t-*tracking device per se* għandu SIM Card, u għalhekk IP address, li jikkomunika mas-servers tagħhom. Qal li huma għandhom id-*domain* tagħhom, u l-klijent ikollu aċċess billi jmur fuq dan id-*domain* tramite l-internet, u jidhol bil-*username* u *password.*

Mistoqsi jekk jiftakarx jekk Alfred Spiteri qattx ha computer ġdid u saret istallazzjoni fuqu izda xorta rriżultaw problemi, wiegeb li hu qatt m'ghamel hekk, ghalkemm jista' jkun li sar hekk ma' ta' qablu. Huwa kkonferma li ilu jaħdem mal-kumpanija attrici mis-sena elfejn u disgħa [2009].

Rat l-affidavit ta' **Alfred Spiteri**, pprezentat quddiem il-Perit Tekniku u mmarkat bhala Dok. AS.

Dan iddikjara li huwa direttur tal-kumpanija Garden of Eden u ghandu diversi coaches u mini buses. Fl-2008 bhala sigurta' tal-vetturi u tal-kumpanija, kien ingagga lil Datanet Security Systems Co. Ltd. (DSS) biex tinstalla u thaddem tracking devices fuq il-vetturi. Skond Avviz Legali li hareg fl-2009, dawn il-vetturi bilfors riedu jkunu mghammra bi *tracking device*.

Sostna li maz-zmien bdew jinqalghu diversi problemi bis-sistema u kull darba kien jirraporta lis-socjeta' attrici. Din kienet tibghat il-haddiema taghha imma l-problemi kienu jissolvew ghal ftit biss imbaghad jergghu jitfaccaw. Hafna mid-diffikultajiet kienu li t-*tracking devices* ma kinux juru l-posizzjoni ezatta ta' fejn tkun il-vettura. Dan qal li fil-bidu l-haddiema tas-socjeta' attrici stess kienu sabu li fuq xi coaches it-tracking devices tqabbdu mal-wipers, u ghalhekk kull darba li jinxteghlu l-wipers il-wires bdew jinqatghu. Dan kien tarrafulu Matthew Mizzi ta' DSS stess.

Fuq vetturi ohra, t-tracking device kienet kull darba tehel. Qal li meta kien icempel lil Martin Zerafa, l-iktar jekk jinzerta l-jum tal-Gimgha, dan kien jghidlu li ma kellux lil min jibaghtlu u sahansitra gielu marru jsewwu erbat ijiem wara. Zied li tali probliemi tant kienu spissi, li Matthew Mizzi spicca qallu li l-problema kienet mill-*computer* li kellhom, allura biex jizgura ruhu li ma kienx hekk huwa xtara *computer* gdid u Mizzi l'ghada mar jaghmel l-istallazzjoni mill-gdid. Cio' nonostante l-problema baqghet tippersisti. Mizzi beda jcempel l-ufficcju tieghu u beda jghidilhom biex jissettjaw xi affarijiet min-naha taghhom. Ix-xhud qal li kien prezenti waqt dan kollu. Is-sistema hadmet ghal ftit jiem biss.

Matthew Mizzi kien jghidlu li l-problema kienet l-internet, izda hu kien jghidlu li dan ma jistax ikun ghax kien hemm madwar ghaxar impjegati jahdmu l-hin kollu bl-internet. Uhud kienu jahdmu f'agenzija tal-ivvjaggar li ggib turisti minn barra u dawn kienu l-hin kollu jikkorrispondu ma' barra bl-internet. Ghaldaqstant huwa lil Mizzi kien jghidlu li din kienet biss skuza minn taghhom. Spjega li ghalkemm kienu biddlu l-computer u l-istallazzjoni saret mill-gdid, il-problemi xorta baqghu u meta kienu jidhlu fis-sistema ta' DSS, certu vetturi kienu jahdmu filwaqt li ohrajn kienu mwahhlin. F'certi okkazjonijiet kienu juru li l-vetturi qeghdin f'postijiet madwar Malta, meta fil-verita' jkunu fil-garaxx. Vettura partikolari JBL661 ghamlet xahar timmarka li qeghda Pembroke, u l-problema taghha baqghet qatt ma ssewwiet. Din grat fuq vetturi ohra wkoll, fosthom *open*

*top double deckers*. Avviz Legali 149 ta' 2009 kien jaghmilha cara li dawn il-vetturi riedu jkunu attrezzati bi *tracking device* attiv 24 siegha u t-Transport Malta setghet titlobhom id-data ta' kull vettura.

Sostna li kien ikollu diversi argumenti ma' Martin Zerafa dwar dan kollu u kien ukoll baghtlu ittra legali datata 30 ta' Awissu 2010 flimkien ma' ittra tat-Transport Malta (Dok. AS1). Kien jghidlu li mhux sewwa li jhallas ta' servizz li mhux jiehu u kien jitolbu jibaghtlu *credit notes* tal-vetturi li ma kinux qed jahdmu, izda dan dejjem injorah.

Ix-xhud stqarr li qatt ma basar li Zerafa ser jghaddih biz-zmien anke ghaliex dak iz-zmien dan kien qed ihajru jidhol fil-Consortium tal-Yacht Marina ta' Tax-Xbiex peress li kellhom id-dghajjes marbutin ma' pontoons vicin xulxin. Spiteri ddikjara li ma' Zerafa kien jiltaqa' sew meta kienu jsiru laqghat dwar il-Consortium fir-restaurant ta' Zerafa stess fil-Qawra u wara l-laqgha spiss kien ikellmu fuq il-problemi bit-tracking devices. Zerafa kien jghidlu biex ma jinkwetax ghax kien se jirrangalu hu ghall-kontijiet u hu kien jghidlu li hu riedu jirrangalu s-sistema. Zied li kull darba li kien icempel lil Zerafa dan kien igiblu xi skuza, jew li qed jaghmel update tas-sistema jew tas-server. Darba minnhom is-sistema damet granet twal ma tahdimx u huwa kien jargumenta ma' Zerafa li dan mhux is-servizz li kien weghdu. Ghalkemm Zerafa kien jghidlu li se jirranga, ma kien isir xejn u ghalkemm kemm-il darba qallu li kien ser inaqqaslu xi haga mir-rata li kien ihallas ghas-servizz, dan ma sar qatt lanqas. Dwar il-problemi kienu jkellmu lil Zerafa huwa, ibnu Ronald Spiteri jew impjegat taghhom Glenn Lucas.

Sostna li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li ma jhallasx lil Martin Zerafa u fil-fatt hu ghamel tliet (3) pagamenti, wiehed ta' elfejn Ewro , u tnejn ohra ta' elf u hames mitt Ewro-il wiehed (Cekkijiet 929, 1392 u 1864 kollha HSBC).

Qal li problema ohra li nqalghet kienet li ntilfitlu xi data u dan minhabba li s-socjeta' attrici ma kellhiex *backup* u anke li kemm-il darba kienu jkunu minghajr servizz minhabba xi problemi min-naha tas-socjeta' attrici.

Minhabba n-nuqqas ta' servizz mis-socjeta' attrici lill-kumpanija tieghu, kien baghat ittra ufficjali lill-istess socjeta' attrici fejn widdibha li jekk ma tirrangax is-servizz taghha kien ser ixolji s-servizz minn maghha. Martin Zerafa injora l-ittra u kollox baqa' kif kien. Ghaldaqstant f'Novembru 2010 huwa kien qabbad lill-kumpanija Hands-on System Limited biex tibda tipprovdilu s-servizz hi.

Madanakollu s-socjeta' attrici baqghet tohroglu invoices datati wara Novembru 2010, invoices minnhom juru xhur wara Novembru 2010 meta hu kien diga' waqqaf is-servizz minn ma' Martin Zerafa.

**Alfred Spiteri** xehed in kontro-ezami fil-21 ta' Marzu, 2014 u b'referenza għal paragrafu 2 ta' l-affidavit tiegħu qal li hu kien jirrapporta l-hsarat billi jcempel lil Martin Zerafa. Gieli kien iċempel t-tifel tiegħu Ronald Spiteri. Qal li kien hemm drabi meta it-tifel ġieli cempillu quddiemu stess u inoltre meta hu kien ikun barra u l-ħaddiema kienu jinfurmawh li hemm problema bis-sistema, hu kien iqabbad lit-tifel tieghu iċempel lil Martin Zerafa.

Mitlub jikkonferma li r-rapporti saru biss bit-telefon, wiegeb li l-maggoranza kienu bit-telefon, u ġieli bagħat xi email, iżda stqarr li dawn l-emails ma jistax isibhom peress li kellu ħsara fil-computer. Emails kien hemm forsi tnejn jew tlieta. Zied jispjega li wara li kien icempel, Martin Zerafa kien jibgħat in-nies biex jirranġaw il-hsara, fil-bidu kien jibaghthom dak in-nhar stess jew l-għada, iżda 'l quddiem l-affarijiet, il-problemi bdew jiggravaw. Xahrejn/tlieta mill-installazzjoni ġieli kien icempillu l-Gimgħa u jibgħatlu n-nies it-Tnejn. Mistoqsi jekk kienx ikun prezenti meta kienu jmorru l-haddiema tal-kumpanija attrici sabiex isewwu l-hsara, qal li ġieli kien ikun hemm u ġieli le. Meta kien ikun

hemm kien isaqsiehom x'kienet il-problema u daqqa kienu jgħidulu xi wire, u daqqa '*setting*'. Mistoqsi jekk it-teknici li jmorru jsewwu hux dejjem kienu jhallu '*Customer Service Report'*, spjega li kienu ituh karta biex hiffirmalhom minħabba l-hinijiet. Ftakar li fuq l-istess karta kien ikun hemm xi dettalji bħal numru tal-vettura, u ġieli kien ikun hemm il-kliem '*device fault'*. Qal li ma kienx jaghti kaz iżżejjed għax kellu mohhu mistrieh li kien għadu taht il-garanzija.

Mistoqsi jekk kienx ra id-device li kien imwahhal mal-wipers, qal li le, u kien Matthew Mizzi li qallu biha. Mistoqsi dwar meta ġew istallati d-devices u ai termini tal-ligi 149/2009 Transport Malta kellhom jagħmlu inspection, qal li t-Technical Unit tat-Transport Malta fil-fatt bagħtu għalih u mieghu kellu jtella' lil Martin Zerafa biex Martin jitkellem ma' Lino Abela [ADT] fuq ittra li kopja tagħha hija annessa mal-affidavit tiegħu. Qal pero' li Transport Malta m'għamlet l-ebda spezzjoni fuq id-devices.

B'referenza ghal paragrafu hamsa ta' l-affidavit tiegħu qal li għalkemm it-teknici tas-socjeta' attrici marru ghandu f'diversi okkazzjonijiet, kien hemm episodju partikolari ta' meta huwa qabad u xtara computer ġdid biex żgur ma jkunx hemm problemi. Mistoqsi jekk meta Matthew Mizzi kien beda jċempel bil-mobile tiegħu u jikkomunika mal-uffiċju tagħhom, kienx biex jagħmel is-*set up* ta' l-istallazzjoni tal-computer il-ġdid, ix-xhud wiegeb illi meta biddlu l-computer (għax Matthew Mizzi waħhal fil-computer u anke fl-internet) u huwa tah il-computer il-gdid, Matthew Mizzi beda jipprova jidħol fis-sistema online tagħhom bil-computer il-gdid u xorta ma setax jikkomunika. Sa fejn jaf hu, dan kien qiegħed jipprova jaqbad mas-sistema. Mistoqsi x'tip ta' Internet *connection* kellu, wiegeb li hu mhux tekniku, u għalhekk ma jafx, iżda internet kellu u kien jaħdem, tant li l-haddiema l-ohra dejjem ħadmu bih. Mistoqsi liema kienet il-kumpanija li tipprovdi l-internet qal li jaħseb kienet il-GO, iżda ma kienx cert. Mistoqsi għaliex jghid li l-internet kien tajjeb, qal li l-haddiema kienu jużawh

għal bookings, websites u emails. Mistoqsi jekk huwa vverifikax jekk l-internet tiegħu kienx qiegħed jaħdem sewwa, wiegeb li ibnu Ronald Spiteri kien jivverifika ma' l-internet provider u mistoqsi jekk hemmx korrispondenza dwar dan, qal li possibbilment it-tifel għandu.

Cahad li ltaqa' ma' Martin Zerafa fir-restaurant tiegħu darba biss. Qal li ltaqa' xi darbtejn ir-restaurant u darbtejn ohra fuq il-pontoon.

Ikkonferma li darba minnhom is-sistema ma ħadmitx għal ħamest ijiem, u dan għax Martin Zerafa kien qallu li kellu problema fis-*server*. Drabi oħra kienet iddum wieqfa ġurnata jew tnejn u Martin kien jghidlu li s-sistema qeghda 'down'. Id-dati jew hinijiet pero' ma jiftakarhomx. Spjega li meta fl-affidavit tieghu jgħid li 'intilfitlu xi data', dan jgħidu ghax meta kien imur lura, partijiet mill-informazzjoni li kien ikun irid ma kinitx tkun hemm. Izda ma jiftakarx dan f'liema perjodu gara.

Iddikjara li fl-ahhar kien cempel lil Martin u qallu "*jew tirranga l-affarijiet jew ejja u igbor kollox*", u dan għaliex kien qed ihoss li dan kien qiegħed jinjorah. Dan kien qabel Awissu, 2010 u difatti wara Zerafa bagħtlu ittra legali tramite l-avukat. Ix-xhud stqarr li ghalih wara li rcieva l-ittra tat-30 ta' Awissu, 2010, is-servizz kien terminat. In vista ta' dan ġie mistoqsi għaliex ma stenniex li joħroġ aktar invoices wara Novembru, 2010? Huwa qal li wara l-imsemmija ittra ma sema' xejn mingħand Martin u ghalhekk bdew ifittxu kumpanija oħra, li fil-fatt kienet "*Hands On Systems Limited*". Sahaq li wara l-ittra ma baqghux juzaw is-servizz, u qabbdu kumpanija ohra, u jikkonferma li beda juza s-servizzi tal-kumpanija l-gdida f'Novembru 2010 u ghaldaqstant li kien bla servizz bejn Settembru u Novembru 2010. Sussegwentement f'Novembru 2010 il-kumpanija '*Hands On'* kienet qed tipprovdi servizz fuq il-maġġoranza tal-vetturi.

Fit-28 ta' April, 2014 xehed **Glen Lucas**, impjegat mal-kumpanija 'Garden of Eden'. Qal li xogħlu huwa li jqassam ix-xogħol ta' l-uffiċju inkluż tax-xufiera, u li jagħmel monitoring ta' l-istess xufiera. Dan kien jagħmlu permezz ta' sistema kompjuterizzata provduta minn Datanet DSS. Dan kien fis-sena 2009 cirka. Ix-xhud ma jiftakarx kemm dam is-servizz minn din il-kumpanija. Huwa daħal mal-kumpanija Garden of Eden fis-sena 2009.

Iddikjara li b'din is-sistema kien ikun hemm xi problemi, fosthom li xufier ikun wasal il-garage, iżda is-sistema turi li għadu barra (per eżempju San Giljan). Kien hemm problema wkoll meta kien ikollu complaint minn klijent u ma kienx ikollu informazzjoni ta' tracking fuq xiex idur, għaliex is-sistema istallata fuq il-vettura kienet teħel. Ftakar fic-cert li tnejn mill-vetturi kienu "IMY339" u "JBL661" iżda kien hemm oħrajn. Mistoqsi mil-Perit Tekniku jekk kienx hemm vetturi li jiftakar biċ-ċert li kienu jaħdmu, qal li ma jiftakarx. Sostna li huwa kien jew jinforma lill-imghallem tieghu bil-problema jew inkella jaghmel kuntatt mal-kumpanija rikorrenti. Meta kien jikkomunika mal-kumpanija rikorrenti hu stess, kien imur xi hadd (jew dak in-nhar stess jew l-għada) biex jara x'inhi t-technical fault. Din grat aktar minn darba. Xi drabi t-technicians kienu jgħidu li l-problema kienet l-internet, izda fl-opinjoni tieghu l-internet ma setax ikun għax huma kienu jaħdmu fuqu kontinwament. Qal ukoll li dwar vettura partikolari t-technician kien qal li xi wires kienu mqabbdin mal-wipers. Rigward iz-żewġ vetturi li semma qabel qal li għalkemm it-technicians rawhom, dawn baqgħu bil-problemi. Il-vettura bin-numru JBL661 kienet għamlet xahar shih timmarka li kienet 'Pembroke'.

In kontro-ezami x-xhud qal li kellhom ħmistax-il vettura zgur imqabbda mas-sistema, x'aktarx iżjed. Qal li ghalkemm is-sistema kienet tahdem, pero' kellha hafna problemi. Mistoqsi jekk kinux iżommu logs tal-problemi, wiegeb li logs per se ma kinux izommu, iżda kienu jghaddu l-'complaints' li jinqalghu lil Freddie. Stqarr li meta t-teknici kienu jmorru jaghmlu t-tiswijiet, dawn kienu

jmorru mill-ewwel fuq il-vettura fil-yard liema yard hija kbira. Meta qalulhom li l-problemi kienet l-internet hu kien preżenti, iżda fil-każ tal-wipers din semaghha mingħand Freddie. Qal li hu ma kellux l-awtorita' jiffirma Customer Service Report, u ma jafx minn kien jieħu ħsieb jaghmel dan. Ix-xhud qal li ma jafx x'sistema ta' internet kien hemm provdut dak iż-żmien fl-uffiċju.

Rat ukoll l-affidavit ta' Geoffrey Farrugia (Dok. GF) datat 19 ta' Frar 2014, Chief Executive Officer tal-kumpanija Hands On Systems Ltd. Dan qal li ghall-habta ta' Novembru 2010, Ronald Spiteri, iben Alfred Spiteri direttur tal-Garden of Eden, kien ikkuntattjahom dwar sistema ta' tracking devices, ghax b'dik li kellhom ma kinux moqdijin sew.

F'Dicembru 2010 ghamlu l-ewwel demo biex Ronald jara li s-sistema jahdem kif suppost. Nel frattemp hu ra s-sistema li kellhom biex jara x'kien hemm bzonn isir biex ma jergghux jinqalghu l-istess problemi. Dan qal li meta ra s-sistema li kellhom, ra li tassew kien fiha hafna problemi u kien wieghdu li l-kumpanija tieghu ser taghmel dak kollu possibbli biex ma dawn ma jergghux isehhu. Waqt l-istallazzjoni taghhom raw xi installazzjonijiet li ma kinux maghmulin sew u huma mill-ewwel gibdu l-attenzjoni dwar dan. Fosthom kien hemm wires imqabbdin hazin. Qal li huma qabdu w bdew kollox mill-bidu u ma messew xejn mill-installazzjonijiet ta' qabel, anke peress li ma kinux jafu xi ftehim kien hemm dwar it-tracking devices li kien hemm qabel. Inoltre Ronald Spiteri wkoll kien qalilhom biex ma jmissu xejn.

Ix-xhud ikkonferma li s-sistema taghhom hija mghammra b'teknologija avvanzata hafna li tassikura li d-data tigi kkuppjata fuq servers madwar id-dinja biex jassiguraw li din ma tithassar qatt. Ikkonferma wkoll li din is-sistema taghhom ghandha 99.9% uptime, jigifieri li rari jigri li ma tkunx qed tahdem. Ghaldaqstant qatt ma rcevew ilmenti minghand il-Garden of Eden u dejjem thallsu fil-hin u bla problemi. Qal li s-servizz ghadu ghaddej sal-lum u diga'

mhallas minn qabel sa April 2014. Is-servizz ilu ghaddej tliet snin fuq numru ta' vetturi. Qal li m'ghandu l-ebda problema jesebixxi ricevuti jew provi ohra jekk ikun mehtieg.

Minn ezami ta' din ir-relazzjoni, rat li l-espert tekniku wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

"*Illi s-sottoskritt jirrileva lill-Onorabbli Qorti li huwa sema' x-xhieda prodotti, u ghamel access fejn ra d-data tas-sistema. Il-fatt li tali sistema mhuwiex operattiv f'dak il-mument, iwassal sabiex tali ezami certament ma kienx konkluziv, u ghalhekk kellu jinghata hafna piz lill-provi l-ohra prodotti, in primis, ix-xhieda.*

*Irid jigi osservat ukoll li wara li gie stallat l-apparat fuq numru ta' vetturi s-socjeta' intimata ghazlet li tinkludi vetturi ohra wkoll. Mela zgur li s-sistema ghall-anqas inizjalment kienet tahdem u ma kienitx hazina.*

*Jidher li l-problema ma kienitx fis-sistema (l-ebda xhud ma maqdar l-interface) izda t-tracking fuq zewg vetturi – u mhux fuq il-vetturi kollha.*

*Fil-fehma tal-esponent, hija proprja l-kumpanija attrici li kellha l-obbligu ssolvi l-problema, u l-kumpanija attrici kellha tipprovdi soluzzjoni permanenti ghal problemi li rrizultaw.*

*Fil-fehma tal-esponent, tracking device mhux suppost li tkun tali li thalli lid-drivers ibaghbsuha. Inoltre la hemm bzonn ta' ebda internet connection partikolari, jew computer partikolari ghal dan il-ghan, dejjem jekk is-sistema tkun iddisinjata skond is-sengha u l-arti.*

*Ripetutament marru l-haddiema tas-socjeta' attrici isewwu. Difatti gie konfermat li kienu jsibu hsarat. Ghalhekk ma kienx kaz li kien qieghed isir maintenance normali.*

*Illi l-kumpanija intimata malajr qabdet u unilateralment itterminat is-servizz u sabet kumpanija ohra. Lanqas ma gie ppruvat li sar xi tentattiv da parti tas-socjeta' intimata biex tirritorna l-ekwipagg, jew tiehu dawk il-proceduri gudizzjarji (ghajr ittra gudizzjarja sabiex il-ftehim jigi legalment terminat). Inoltre, ma resqitx provi dettaljati tal-okkorrenzi tal-problemi li rrizultaw , u dan specjalment la qieghed isir l-allegazzjoni li s-sistema ma kientix qed tahdem sewwa.*

*Ma jidhirx li kien hemm xi skrittura jew kuntratt li jindika kif il-ftehim jista' jigi terminat u l-linji gwida tas-servizz provdut, inkluz is-service level agreement (SLA).*

*Illi in vista tal-premess, il-Perit Tekniku huwa tal-fehma li z-zewg partijiet naqsu. Il-kumpanija attrici naqset milli taghti servizz komplut u l-kumpanija intimata naqset ghaliex habta u sabta qabdet u marret ghand ditta ohra u anke minghajr ma ddepozitat jew irritornat l-ekwipagg jew hadhet passi gudizzjarji. Ghalhekk iqis li t-tort huwa nofs tal-kumpanija attrici u nofs tal-kumpanija intimata.*"

**Dr Steven Farrugia Sacco** xehed in eskussjoni fid-19 ta' Ottubru, 2016 u spjega li fir-rapport tieghu kien ikkonkluda illi mill-provi li kienu gew prodotti s-servizz li kien inghata lis-socjeta' intimata kienet intemmet hesrem u dan min-naha taghhom stess. Mistoqsi jekk huwa kienx ha in konsiderazzjoni l-ittra ufficjali li kienet giet prezentata mis-socjeta' konvenuta stess spjega iva jaf biha u jekk mhux sejjer zball ghamel referenza ghaliha fir-rapport. L-ittra ufficjali hemm referenza ghaliha fl-artikolu 2.50 a fol 16 tal-istess rapport. B'referenza ghal dak li kkonkluda fil-paragrafu 2.20 jaqbel illi sabiex socjeta' konvenuta taghmel

access ghall-internet ikun hemm bzonn din is-sistema nstallata. Mistoqsi jekk hax in konsiderazzjoni dak li kien qal Matthew Mizzi fix-xhieda tieghu spjega illi iva ha konjizzjoni taghha. Pero' jaf li rrizultalu mix-xhieda ohrajn kien hemm xi hadd li qal li kien juzaha b'mod regolari biex jaghmlu l-*bookings* u ghalhekk dak li semma' fir-rapport tieghu illi ma kienx hemm bzonn ta' computer partikolari b'sahha partikolari biex isir dan l-access. Sistema normali kienet tkun bizzejjed. Pero' naturalment internet connection hemm bzonn.

Mistoqsi ghaliex qal fil-paragrafu 2.26 li huwa qal li s-sistema setghet tigi mbaghbsa facilment spjega illi rrizultalu mix-xhieda ta' Martin Zerafa kien hafna drabi jattribwixxi l-problemi li kien ikun hemm u dan ghax kien ikun it-tbaghbis fuq is-sistema. Ghalhekk fir-rapport tieghu qal sistema li tista' tigi mbaghbsa, illi l-ghan taghha kien proprju sabiex ix-xufiera ma jabbuzawx, jew jekk is-sistema ma kinitx wahda tajba u ghalhekk dan l-ilment kellu jigi ndirizzat. Mistoqsi jekk jaqbilx illi t-tbaghbis kien fuq zewg vetturi partikolari spjega illi iva hekk jirrizultalu mix-xhieda. Huwa ma qalx li jista' jsir tbaghbis fis-sistema facilment. Li qal huwa li fil-fehma tieghu ma kinitx sistema tamper proof - naturalment skont ma dak li qed jghidu x-xhieda prodotta b'dawn il-proceduri. Dawn is-sistemi jahdmu hafna parti mill-power li jiehdu mill-vettura stess u spjega illi fix-xhieda jidhirlu li kien hemm raguni li kien hemm voltage drops u ghalhekk kien hemm it-tbaghbis u fil-fatt Matthew Mizzi qal li gieli kien jqabbdu s-sistema direttament mal-ignition biex jevitaw din il-haga.

Min ikun qed jaghti dan it-tip ta' servizz fil-fehma tieghu ghandu jara li l-vettura inkwistjoni fejn qed tinqala' l-hsara inkwistjoni u sta ghalih, una volta qed jipprovdi s-servizz hu, li jipprovdi soluzzjoni ghaliha u dana kien ir-ragunament tieghu kif rifless fir-rapport u hija riflessa wkoll f'dik il-parti tax-xhieda fejn intqal li kien hemm voltage drop u s-sistema kienet titqabbad direttament mal-batterija. B'referenza ghall-paragrafu 2.51 meta huwa semma' li kien hemm kumpanija attrici li ma haditx passi ghajr ghall-prezentata tal-ittra ufficjali ried

ifisser il-kumpanija konvenuta. Pero' anke s-socjeta' attrici qabel ma kienet bdiet dawn il-proceduri kienet prezentat ittra ufficjali ghall-hlas.

Minn ezami tal-logs li huwa ghamel fuq dawn iz-zewg vetturi partikolari spjega li nghata informazzjoni li kien hemm caqliq ta' vetturi. Pero' spjega wkoll li fix-xhieda rrizulta illi x-xufier jghid li ghal grazzja tal-lum qieghed f'post partikolari per ezempju l-Imsida u t-tracking device jghid li jkun qieghed post iehor, naturalment dejjem skont ix-xhieda u peress illi s-sistema ma kinitx ghadha attiva u dan ghaliex kienu tnehhew is-sistema minn fuq il-buses allegatament ma setghax jikkumpara jekk l-informazzjoni li qed jara kienx qed jirrifletti dak li effettivament kien sehh. Ghalhekk l-informazzjoni kienet fil-passat u ma setghax jaghmel test attwali.

Skont ix-xhieda irrizultalu illi kien hemm sbatax-il vettura li kellha din it-tracking device. Spjega li effettivament kien xi haga hekk. Ikkonferma illi l-problema principalment kienet f'zewg vetturi ghalkemm issemmew difetti ohrajn. Mistoqsi allura kif wasal ghall-konkluzjoni li l-ammont dovut huwa biss fifty per cent meta effettivament il-hsarat kienet biss f'zewg vetturi u cioe' xi twelve per cent spjega illi wasal ghal din il-konkluzjoni ghaliex mil-lat tekniku ma kellux fejn jasal aktar. Spega illi hemm parti biss li hemm dizgwit. Fil-parti l-kbira hemm il-qbil u ghalhekk il-parti l-ohra tal-konkluzjoni tieghu kienet wahda ta' opinjoni teknika tieghu u fil-fehma tieghu una volta persuna tkun trid servizz, is-servizz iridu shih u mhux parzjali u ma jafx x'kienet tkun is-soluzzjoni - ikun hemm servizz ta' numru ta' vetturi minn kumpanija wahda u numru iehor minn kumpanija ohra. Pero' spjega illi s-servizz min-naha tal-konvenuti ntemm daqsxejn hesrem. Dawn huma affarijiet teknici. Dawn iz-zewg vetturi partikolari skont ix-xhieda li rrizultalu gieli hadmu u gieli le. Pero' jirrizulta li overall il-problema principali kienet f'dawn iz-zewg vetturi.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2016 fejn fl-istess udjenza il-partijiet awtorizzaw il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza is-socjeta' konvenuta kienet tat appalt lis-socjeta' attrici sabiex jinstallaw fil-vetturi taghhom sistema ta' tracking device u dan in linea ma Avviz Legali li hareg fl-2009. Jidher li fi-fatt is-socjeta' attrici kienet hadhet dan l-istess inkarigu u bdiet bix-xoghol taghha billi ttentat tipprovdi din l-istess sistema. Irrizulta pero' li din is-sistema installata minnha tat diversi problemi lis-socjeta' intimata u dan ghaliex kien hemm xi vetturi partikolament li ma kienux qed jidhru fuq il-monitors. In oltre jidher ukoll li kien hemm diversi problemi ohra kif ben deskritti fir-rapport tal-espert tekniku. Minn naha l-ohra is-socjeta' attrici qed titlob lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha is-somma ta' ghaxart elef, sitt mija u sebgha u sebghin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€10,677.27) rapprezentanti din is-somma bilanc minn somma akbar ghal bejgh u installazzjoni ta' *tracking divice* fuq diversi vetturi proprjeta' ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Illi peress li l-appalt sar hazin u ma kienx skond il-kwalita' pattwita s-socjeta' konvenuta irrifjutat li thallas il-bilanc dovut minnha u kien ghalhekk li saret din il-kawza. Illi din il-Qorti ghaddiet sabiex tinnomina lill-espert Dr Stephen Farrugia Sacco sabiex jezamina l-atti u jisma' ix-xhieda bil-gurament u dan sabiex jistabbilixxi jekk hux minu li l-prodott li gie mibjugh u konsenjat mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta kienx skond is-sengha u l-arti u dan stante li l-materja in kwistjoni kienet wahda ta' natura purament teknika.

In-natura tal-kuntratt ta' appalt kienet trattata fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' April 1968 fil-kawza **"Busuttil vs Fedele et"** fejn kienet citata s-sentenza ta'

l-Qorti tal-Kummerc moghtija fid-9 ta' Marzu 1939 fil-kawza **"Micallef vs Mamo et noe"** (Vol.XXX.III.433). Fis-sentenza citata, din il-Qorti qalet hekk:

*"... il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita' taghhom b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero' jibqa' obbligat li irripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni.*

Din is-sentenza kienet segwita mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta' Gunju 1994 fil-kawza **"Bonnici noe vs Sammut"**.

Il-modalita` tal-hlas lill-appaltatur tiddependi mill-mod kif ix-xoghol ikun kommissjonat ( ara – '**Sacco v. Penza Construction Limited' –** PA/PS – 18 ta` Frar 2004). Jekk il-prezz jigi stabbilit ghal kull unita', l-appaltatur ikollu dritt jithallas tax-xoghol maghmul, izda jekk invece l-prezz ikun wiehed ghax-xoghol kollu, allura jekk ix-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa, l-appaltatur ma jkollux dritt ghal ebda parti mill-hlas **(**ara – '**Mallia v.Fonk'** – Qorti tal-Appell – 24 ta` Jannar 1975).

Fil-kaz tal-lum ma hemm xejn fil-ftehim ta` bejn il-partijiet li jindika illi l-ftehim sar ghal kull unita' ta' xoghol, izda jidher illi x-xoghol ikkommissjonat lis-socjeta' konvenuta kien wiehed li jissupplixxi u jinstalla sistema ta' data tracking

fil-vetturi propjeta' tas-socjeta' konvenuta. Kwindi ghall-kaz tal-lum tiskatta t-tieni regola ndikata fil-paragrafu precedenti u cioe' illi l-prezz kien wiehed ghax-xoghol kollu, izda peress li jirrizulta li kien hemm nuqqas fir-rigward tas-sistema ta' installazzjoni ta' din id-data tracking f'zewg vetturi, l-Qorti sejra tirriduci s-somma dovuta lis-socjeta' attrici pro rata.

Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma u taghmel taghha l-principji ta` dritt li jirregolaw l-appalt, u li sintesi akkurata taghhom hija migbura fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "**Darmanin vs Agius"** li kienet deciza fid-9 ta` Ottubru 2004. Il-Qorti qalet hekk:

*"Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li `l quddiem juri difetti."*

*"L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (***Kollez Vol.XXVII pI p373***). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (***Kollez Vol XL pI p485***) ;*

*It-tieni principju jghid illi "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (***Kollez. Vol XXXVII pIII p883***). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (***Mario Blackman -vs- CarmeloFarrugia et noe***", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (***Kollez. Vol XLI pI p667***) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent.*

Ghall-fini ta` kjarezza, u a skans ta` kull ekwivoku, din il-Qorti tghid anke fuq l-iskorta tal-opinjoni tal-espert tekniku taghha li fil-kaz tal-appalt mertu ta` din il-kawza, id-difetti kienu essenzjali u sostanzjali. U allura kif inghad fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXXVIII.I.292**, "*meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt"*

Dwar jekk il-behgh ta' tracking device u installazzjoni tal-istess kinitx skond il-kwalita' pattwita il-Qorti taghmel referenza ghar-rapprot tal-Espert Tekniku nominat minn din l-Qorti stante li hija ma tifhem xejn fit-teknika ta' kompjuters. Jinghad li l-piz probatorju ta` relazzjoni peritali gie ben definit fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet "**Calleja vs Mifsud**", fejn dik il-Qorti qalet hekk:

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni*

*jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika."*

*In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).

Jigifieri Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "*Saliba vs Farrugia*" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

'*Il-giudizio dell`arte espress* mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taccirkostanzi, irragonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Illi ghalhekk fir-rigward ta' dak li irrizulta lill-perti tekniku jirrizulta li s-sistema ma kinitx ghada qed tahdem meta fil-fatt huwa ghamel access fil-post fejn din is-sistema kienet giet installata u ghalhekk kellu jirrelata l-iktar fuq il-provi li huwa semgha partikolament lix-xhieda . Ikkonkluda li ghall-ewwel is-sistema li kienet

installata kienet tahdem u ma kienitx hazina u jidher ghalhekk li l-problema ma kienitx fis-sistema tant li l-ebda xhud ma maqdar l-*interface* izda t-*tracking* fuq zewg vetturi u mhux fuq il-vetturi kollha (*sottolinear ta' din il-Qorti*). Jghid li kien l-obbligu tas-socjeta' attrici li kellha issolvi din il-problema b'dan illi kellha tipprovdi soluzzjoni permanenti ghal problemi li irrizultaw kif deskritti aktar 'l fuq minn diversi xhieda. Jghid li *tracking device* mhux suppost li tkun tali li thalli d-drivers ibaghbsuha.

In oltre stqarr ukoll li ma hemm bzonn ta' ebda internet connection partikolari, jew kompjuter partikolari ghal dan il-ghan, dejjem jekk is-sistema tkun ddisinjata skond is-sengha u l-arti. Irrileva wkoll illi il-haddiema tas-socjeta' attrici kienu marru ghand is-socjeta' konvenuta f'diversi okkazzjonijiet sabiex isewwi s-sistema li kienu installaw. Di fatti kif rilevat aktar 'il fuq gie konfermat li kienu jsibu diversi hsarat. Dan ifisser li ma kienx qed isir maintenance normali. Bhala fatt jiirizulta li s-socjeta' konvenuta kienet baghtet ittra sabiex itterminat il-kuntratt li hija kellha mas-socjeta' attrici meta rat li s-sistema kienet qed tfalli ripetutament.

Illi l-perit tekniku kkonkluda li kienu iz-zewg partijiet li naqsu fl-obbligi kontra xulxin billi is-socjeta' attrici naqset milli tipprovdi servizz tajjebu komplut waqt li is-socjeta' konvenuta qabdet habta u sabta u itterminat l-appalt minghajr ma iddepositat jew irritornat l-ekwipagg u ghalhekk hass li t-tort kellu jkun nofs bin-nofs.

Il-Qorti tirrileva, filwaqt li tabbraccja il-parti teknika tar-rapport tal-espert nominat minnha dwar in-nuqqasijiet tas-socjeta' attrici, thoss li l-proporzjonalita' tat-tort li huwa ta m'hijiex dik li ser tirrifletti il-hsieb tal-Qorti u dan ghaliex jirrizulta in funditus li fil-mument meta huwa ezamina is-sistema tat-tracking device fil-vetturi attwalment kien hemm hsara f'zewg vetturi biss minkejja li din is-sistema giet installata fi ħmistax-il vettura jew izjed kif del resto stqarr l-Espert

Tekniku u ghalhekk thoss li ma jkunx gust li tattribwixxi nofs it-tort lis-socjeta' attrici.

**Ghaldaqstant il-Qorti thoss li hija ghanda tilqa' it-talba attrici f'ammont ridott u cioe' fis-somma ta' tmint elef, tmien mija u sebgha u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€8,897.73) rapprezentanti ghaxra minn tnax fuq is-somma reklamata mis-socjeta' attrici u tichad ir-risposta sollevata mis-socjeta' konvenuta.**

**L-ispejjez, komprizi l-ittra Ufficjali 166A tat-2 ta' Dicembru 2011 ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal 5/6 mis-socjeta' konvenuta u 1/6 mis-socjeta' attrici.**

**L-imghax jibda' jiddekorri mil-lum.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**